XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 434***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 62***
***Il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2011 fis-6:00pm***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella – Viċi Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Dr Marthese Portelli -- Kunsillier*

-------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Mr. Carmel Grima – Aġent Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

1. **Minuti preċedenti**

   Il-minuti tal-laqgħa preċedenti ma nqrawx u tħallew għal laqgħa oħra.

2. **Approvazzjoni ta' Segretarju Ezekuttiv**

   Il-Kunsill qabel unanimament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-għazla u għadda din ir-rizoluzzjoni:-

   > "Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija qiegħed jimxi fuq ir-riżultat tal-Bord tal-għażla, u billi Sue-Ellen Bugeja ġiet l-ewwel qed jinnomina lis-Sinjura Bugeja għall-approvazzjoni tal-Prim Ministru bħala Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali, għall-ħatra tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv."

3. **Mera faċċata ta' Triq Tal-Ġidi.**

   Il-Kunsill iddiskuta t-Traffiku fi Triq San Bert u nnota li hemm bzonn ta' Mera faċċata ta' Triq Tal-Ġidi. Din il-mera għandha titħallas minn Transport Malta peress li qed ikun hemm ħafna traffiku u dan kawzat mid-*Diversions* li ordnat Transport Malta. Is-Segretarju għandu jikteb lil Transport Malta biex tiġi mwaħħla mera biex b'hekk jiġu evitati inċidenti.

**4. Ikla tal-Milied.**

Il-Kunsill qabel li l-Ikla se jingabru quotations. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill jista' jħallas Euro 30 għal kull membru tal-Kunsill u Staff u min irid iġib persuna oħra iħallas għal din il-persuna u dan skond memo no 122/2010 li l-Kunsill irċieva wara l-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, s-sena l-oħra. L-Ikla ġiet iffissata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru 2011 fit-8:00pm

**5. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

**6. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fis-7:30 u l-Kunsill aġġorna għas-sena d-dieħla, 2012.

| | |
|---|---|
| Carmelo Grima | Dr Monica Vella |
| Aġent Segretrju Ezekuttiv | Sindku |